



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10277/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0134 (NLE)

WTO 169
COMER 85
COASI 91

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar tal-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 tal-Anness 2-C tal-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-emendar tal-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3
tal-Anness 2-C tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra¹ (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim', li l-Partijiet għalih minn hawn 'il quddiem huma msemmija bħala l-'Partijiet'), iffirmit fis-6 ta' Ottubru 2010, ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169². Ġie applikat mill-1 ta' Lulju 2011³.
- (2) L-Artikolu 15.1 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat għall-Kummerċ, li jista', fost l-oħrajn, jikkunsidra emendi għall-Ftehim jew jemenda dispożizzjonijiet tal-Ftehim f'każijiet speċifikament previsti fil-Ftehim. L-Artikolu 15.5.2 tal-Ftehim jistabbilixxi li l-Partijiet jistgħu jiddeċiedu fil-Kumitat għall-Kummerċ li jemendaw l-Annessi, l-Appendiċijiet, il-Protokolli u n-Noti għall-Ftehim suġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tal-Partijiet.

¹ ĠU L 127, 14.5.2011, p. 6.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (*ĠU L 307, 25.11.2015, p. 2*).

³ Avviż dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, ĠU L 168, 28.6.2011, p. 1.

- (3) Taħt l-Artikolu 3(d) tal-Anness 2-C tal-Ftehim, il-Partijiet huma meħtieġa jirrevedu l-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 tal-Anness 2-C mhux inqas minn kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bil-ħsieb li titmexxa 'l quddiem l-aċċettazzjoni tal-prodotti kif stabbilit fis-subparagrafu (a) tal-istess Artikolu, filwaqt li jitqies kwalunkwe żvilupp regolatorju li seta' seħħ internazzjonalment jew fil-Partijiet. L-Artikolu 3(d) tal-Anness 2-C jispeċifika wkoll li kwalunkwe modifika fl-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 għandha tiġi deċiża mill-Kumitat għall-Kummerċ.
- (4) Mindu beda japplika l-Ftehim, ir-regolamenti tekniċi msemmija fl-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 tal-Anness 2-C tal-Ftehim inbidlu, kif inbidlet ukoll parti mill-kopertura tal-prodotti. Sabiex jitqiesu dawn l-iżviluppi, l-Unjoni u l-Korea mmodifikaw ir-regolamenti tekniċi filwaqt li żammew l-istess grad ta' aċċess għas-suq kopert mill-Artikolu 1.2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim.
- (5) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ.
- (6) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ għalhekk tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Artikolu 15.1 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, għandha tkun li tkun appoġġata l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ li jinsab meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 3
TAL-KUMITAT KOREA-UE GĦALL-KUMMERĊ

ta' ...

dwar l-emendar tal-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3
tal-Anness 2-C tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Korea-UE

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn ir-Repubblika tal-Korea ("il-Korea"), minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea ("UE") u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim" u l-"Partijiet", rispettivament), u b'mod partikolari l-Artikoli 15.1.4(c) u 15.5.2 tiegħu, u l-Artikolu 3(d) tal-Anness 2-C tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 15.1.4 (c) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Partijiet jista' jikkunsidra emendi għall-Ftehim jew jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim fil-każijiet li jkun hemm provvediment speċifiku għalihom fil-Ftehim.
- (2) L-Artikolu 15.5.2 tal-Ftehim jipprovdi li deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ biex jiġu emendati l-Annessi, l-Appendiċijiet, il-Protokolli u n-Noti għall-Ftehim tista' tiġi adottata mill-Partijiet, suġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom.
- (3) L-Artikolu 3(d) tal-Anness 2-C tal-Ftehim jagħti l-kompitu lill-Partijiet sabiex jirrevedu l-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 tal-Anness 2-C mhux inqas minn kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bil-għan li jkomplu jżidu l-aċċettazzjoni tal-prodotti kif stabbilit fis-subparagrafu (a) tal-istess Artikolu, filwaqt li jitqies kwalunkwe żvilupp regolatorju li seta' seħħ internazzjonalment jew fil-Partijiet. Huwa jispeċifika wkoll li kwalunkwe modifika fl-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 għandha tiġi deċiża mill-Kumitat għall-Kummerċ.

- (4) Il-Korea u l-UE mmodifikaw ir-regolamenti tekniċi sabiex iżommu l-istess grad ta' aċċess għas-suq kopert mill-Artikolu 1.2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim. Barra minn hekk, ir-referenzi għall-“UNECE” fl-Appendiċijiet 2-C-2 u 2-C-3 issa jenħtieġ li jinqraw bħala referenzi għar-“Regolament tan-NU” konsegwentement għall-Ftehim dwar l-Adozzjoni tar-Regolamenti Tekniċi Armonizzati tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Vetturi bir-Roti, għat-Tagħmir u għall-Partijiet li jistgħu Jitwāhlu u/jew Jintużaw fuq il-Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn ir-Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti (Reviżjoni 3)¹ tal-20 ta' Ottubru 2017.
- (5) It-Tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-2 ġiet modifikata kif ġej:
- (a) Peress li r-Regolamenti tan-NU japplikaw fuq bażi obbligatorja fl-UE, għal raġunijiet ta' sempliċità ġie deċiż li jitħassru r-referenzi għal Regolamenti (pereżempju, il-GSR) u Direttivi tal-UE fil-kolonna “Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti” u l-kolonna tħalliet vojta.
- (b) Madankollu, fejn ma jkunx hemm Regolamenti tan-NU applikabbli jew fejn il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tan-NU ma jkunx adegwat, pereżempju bħal fil-każ tal-“Livell ta' ħoss permissibbli”, konsegwentement ir-Regolamenti jew id-Direttivi tal-UE jissostitwixxu jew jikkomplementaw ir-regolamenti tan-NU. Għal din ir-raġuni, iddaħħlet referenza għal “jekk jeżisti” fil-kolonna “Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti”.

¹ E/ECE/TRANS/505/Rev.3.

- (c) Fir-rigward tal-“Livell ta’ ħoss permissibbli” u tas-“Sistemi ta’ sajlensers ta’ sostituzzjoni”, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 ġie miżjud taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti minħabba li huwa jħassar id-Direttiva 70/157/KEE u japplika b’mod gradwali.
- (d) “Emissjonijiet” ġiet sostitwita b’ “Emissjonijiet ta’ vetturi ħfief” minħabba li r-rekwiżit tar-Regolament tan-NU 83 japplika għall-kategoriji tal-vetturi M1 u N1 biss. Barra minn hekk, ir-referenza għad-“Direttiva 70/220/KEE” tneħħiet għaliex din ġiet imħassra u ġiet sostitwita bir-“Regolamenti (KE) Nru 715/2007, (KE) Nru 692/2008, (UE) Nru 459/2012, (UE) 2016/427, (UE) 2016/646, (UE) 2017/1151, (UE) 2017/1154 u (UE) 2018/1832”, li ġew miżjuda taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti.
- (e) Fir-rigward ta’ “Konvertituri katalitiċi ta’ sostituzzjoni”, ir-referenza għal “Direttiva 70/220/KEE” tneħħiet għaliex ġiet imħassra u sostitwita bir-“Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 692/2008” li ġew miżjuda taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti.
- (f) Barra minn hekk, għal dawk is-suġġetti li isimhom jinbidel, bħal minn “Ibbrejtkjar” u “Ibbrejtkjar” li ġew sostitwiti b’“Ibbrejtkjar ta’ vetturi tqal” u “Ibbrejtkjar ta’ vetturi ħfief”, dawn il-bidliet saru għal finijiet ta’ ċarezza.

- (g) Fir-rigward tad-“Duħħan tad-diżil”, tneħħiet id-“Direttiva 72/306/KEE” peress li ġiet sostitwita bir-“Regolament (KE) Nru 692/2008” li ġie miżjud fit-Tabella 1 taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti.
- (h) Dwar l-“Emissjonijiet ta' CO₂ – konsum ta' karburant”, “id-Direttiva 80/1268/KEE” ġiet sostitwita bir-“Regolament (KE) Nru 692/2008” li żdied fit-Tabella 1 taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti, u s-suġġett issa jirreferi għal “Emissjonijiet ta' CO₂ - Karozzi tal-passiġġieri li jużaw il-fjuwil b'mhux aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq” sabiex jiġi rrispettat għal kollox il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (i) Fir-rigward tal-“Qawwa tal-magna”, tħassret id-“Direttiva 80/1269/KEE” peress li ġiet sostitwita bir-“Regolamenti (KE) Nru 692/2008 u (UE) Nru 582/2011” li ġew miżjuda fit-Tabella 1 taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti.
- (j) Dwar “Emissjonijiet ta' vetturi ta' strapazz”, “id-Direttiva 2005/55/KE” ġiet sostitwita mir-“Regolamenti (KE) Nru 595/2009, (UE) Nru 582/2011 u (UE) 2016/1718”, li ġew miżjuda fit-Tabella 1 taħt ir-Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti. Is-suġġett ukoll ingħata l-isem ġdid ta' “Emissjonijiet ta' vetturi tqal” minħabba li r-Regolament 49 tan-NU japplika għal vetturi tqal (jiġifieri vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż l-2 610 kg).
- (6) It-Tabella 2 tal-Appendiċi 2-C-2 tibqa' mhux mibdula.

(7) It-Tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-3 ġiet modifikata kif ġej:

- (a) Dwar “Okkupant - Protezzjoni minn ħabta” “Minn quddiem”, ir-referenzi “KMOVSS Artikolu 102 Paragrafi 1 u 3” issostitwixxew ir-referenza għal “KMOVSS Artikolu 102” taħt ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti minħabba reviżjoni ta’ KMOVSS.
- (b) Dwar “Okkupant - Protezzjoni minn ħabta” “Mill-ġenb”, ir-referenza “KMOVSS Artikolu 102 Paragrafu 1” issostitwixxiet ir-referenza għal “KMOVSS Artikolu 102” taħt ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti minħabba reviżjoni ta’ KMOVSS.
- (c) Il-linja kollha fuq “Ganċ tal-irmonk” ġiet mibdula. B’mod speċifiku, “Ganċ tal-irmonk” ġiet sostitwita b’“Tagħmir ta’ rmonk”, peress li “Tagħmir ta’ rmonk” huwa l-kunċett uffiċjali msemmi fir-Regolament (UE) Nru 1005/2010. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għal “Tagħmir ta’ rmonk” issa huma r-“Regolament (UE) Nru 1005/2010” minflok “77/389/KEE”. Fl-aħħar nett, ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti issa jaqraw “KMOVSS Artikolu 20 Paragrafu 1” li ħa post ir-referenza preċedenti għall- “KMOVSS Artikolu 20 Punti 1, 2, 4”.
- (d) Dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”, l-Artikolu 106 Punti 1 sa 10 tal-KMOVSS ġew imħassra mir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti dwar “Fanal ta’ quddiem”, “Fanal taċ-ċpar għal quddiem”, “Fanal ta’ back-up”, “Fanal tal-ikklijar”, “Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni”, “Fanal ta’ wara”, “Fanal tal-waqfien”, “Fanal tal-waqfien immuntat fl-għoli fin-nofs”, “Sinjal tad-dawrien”, “Sinjal tad-dawrien awżiljarju” u “Fanal taċ-ċpar ta’ wara” minħabba reviżjoni tal-KMOVSS.

- (e) Dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl” “Installazzjoni”, ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti issa jaqraw “KMOVSS Artikoli 38, 38-2, 38-3, 38-4, 38-5, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 44-2, 45, 45-2, 47 u 49” li hađu post ir-referenza preċedenti għall-“KMOVSS Artikoli 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45 u 47”. Dan huwa dovut għal reviżjoni tal-KMOVSS.
- (f) Dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”, l-entrati “Fanal għal binhar” u “Fanal għall-kantunieri” ġew miżjuda fit-tabella minħabba reviżjoni tal-KMOVSS u sabiex jirriflettu r-rekwiżiti ta’ installazzjoni aġġornati dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”.
- (g) Dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”, għall-entrata “Fanal tal-waqfien immuntat fl-għoli fin-nofs”, minbarra t-tħassir tal-Artikolu 106 Punt 8 tal-KMOVSS, il-paragrafu 3 tal-Artikolu 43 tal-KMOVSS ukoll ġie mħassar minħabba li ġie sostitwit taħt ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti bir-referenza “KMOVSS Artikolu 43 Paragrafu 2”.
- (h) Dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”, ġiet miżjuda l-entrata “Fanal ta’ mmarkar għall-ġenb” mat-tabella minħabba reviżjoni tal-KMOVSS u sabiex jiġu riflessi r-rekwiżiti ta’ installazzjoni aġġornati dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”.
- (i) Dwar “Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl”, għal “Tagħmir ta’ riflessjoni għal wara”, ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti issa jaqraw “l-Artikolu 49 tal-KMOVSS” li ssostitwixxa r-referenza preċedenti għall-“KMOVSS Artikolu 49 paragrafi 1, 2, l-Artikolu 107”. Dan huwa dovut għal reviżjoni tal-KMOVSS.

- (j) Dwar “Qawwa tal-magna”, ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti issa jaqraw “KMOVSS Artikolu 111” li ssostitwixxiet ir-referenza preċedenti għall- “KMOVSS Artikolu 11 Punti 1, 2, 111”. Dan huwa dovut għal reviżjoni tal-KMOVSS.
- (k) Dwar “Tagħmir biex jiżgura l-viżibbiltà tas-sewwieq”, ir-referenzi taħt “Rekwiżiti” għal “78/318/KEE” u “78/317/KEE” tneħħew peress li tħassru u ġew sostitwiti b’“Regolament (UE) Nru 1008/2010” jew “Regolament (UE) Nru 672/2010”. Ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti baqgħu mhux mibdula.
- (l) Dwar “Ankraġġi tal-armar taċ-ċinturini ta’ sigurtà”, ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti issa jaqraw “KMOVSS Artikolu 27 Paragrafi 1, 2, 3, 4; L-Artikolu 103” li ħadu post ir-referenzi preċedenti għall- “KMOVSS Artikolu 27 Paragrafi 1, 2, 3, 4, 5; Artikolu 103 Paragrafi 1, 2, 3”. Dan huwa dovut għal reviżjoni tal-KMOVSS.
- (m) Dwar “Emissjoni u ħoss (ħlief il-ħoss li jinstema’ mill-qrib ta’ 3 jew 4 roti) għall-muturi”, tħassru r-referenzi taħt “Rekwiżiti” għal, fost l-oħrajn, “id-Direttivi 2002/51/KE, 2003/77/KE, 97/24/KE il-Kapitoli 5 u 9”, tneħħew peress li tħassru u ġew sostitwiti minn, fost l-oħrajn, “ir-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) Nru 134/2014”. Ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti baqgħu mhux mibdula

- (n) Dwar l-“Emissjonijiet tad-Diżil (inkluża l-OBD)” “Vettura ta' inqas minn 3.5t”,
żiedu r-referenzi taħt “Rekwiżiti”: “Regolamenti (KE) Nru 715/2007” u “(UE) Nru
459/2012” għaliex dawn huma r-Regolamenti applikabbli li jikkorrispondu għal
KMOVSS. Ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti baqgħu mhux mibdula
- (o) Dwar l-“Emissjonijiet tad-Diżil (inkluża l-OBD)” “Vettura ta’ aktar minn 3.5t”, ir-
referenza taħt “Rekwiżiti” għal, fost l-oħrajn, ir- “Regolament (KE) Nru 692/2008”
tneħħiet u ġiet sostitwita, fost l-oħrajn, b’“Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE)
Nru 582/2011” minħabba li r-“Regolament (KE) Nru 692/2008” ma jittrattax dwar
vetturi tqal. Ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti baqgħu mhux mibdula
- (p) Dwar “Tajers”, ir-Regolamenti Tekniċi tal-Korea Korrispondenti issa jaqraw “l-Att
tal-Kontroll tas-Sikurezza tat-Tagħmir Elettriku u tal-Prodotti tal-Konsumatur, l-
Artikoli 15, 18 u 19; Ir-Regoli tal-Infurzar tal-Att dwar il-Kontroll tas-Sikurezza tat-
Tagħmir tal-Elettriku u tal-Prodotti tal-Konsumatur, l-Artikolu 3, il-paragrafu 4, l-
Artikolu 26; KMOVSS Artikolu 12 Paragrafu 1’ li ssostitwixxew ir-referenza
preċedenti għall-“Att dwar is-Sigurtà u l-Kontroll tal-Ġestjoni tal-Kwalità tal-
Prodotti Industrijali (QMSCIPA) (l-Artikoli 19, 20, 21); Regoli ta’ Infurzar tal-
QMSCIPA, l-Artikolu 2, il-paragrafu 2, l-Artikolu 19”. Dan minħabba li l-
QMSCIPA ġiet sostitwita mill-“Att tal-Kontroll tas-Sikurezza tat-Tagħmir Elettriku
u tal-Prodotti tal-Konsumatur”.

- (8) It-Tabella 2 tal-Appendiċi 2-C-3 tibqa' mhux mibdula.
- (9) Skont l-Artikolu 12.2 fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 1 tal-Kumitat Korea-UE għall-Kummerċ tat-23 ta' Diċembru 2011 dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ, fil-perjodu bejn il-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ huwa jista' jadotta deċiżjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu. Il-proċedura bil-miktub tkun tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn il-Presidenti tal-Kumitat għall-Kummerċ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-2 tal-Anness 2-C tal-Ftehim hija sostitwita bit-Tabella 1 tal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-3 tal-Anness 2-C tal-Ftehim hija sostitwita bit-Tabella 1 tal-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub permezz ta' kanali diplomatiċi li jiċċertifikaw li huma lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat għall-Kummerċ

Yoo Myung-hee

Il-Ministru għall-Kummerċ

Il-Ministeru tal-Kummerċ, Industrija

u Enerġija tar-Repubblika tal-Korea

Cecilia MALMSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni Ewropea

responsabbli għall-Kummerċ

ANNEX 1

Appendiċi 2-C-2

Tabella 1

Lista msemija fl-Artikolu 3(a)(i) tal-Anness 2-C

Suġġett	Rekwiżiti	Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti (jekk jeżisti) ¹
Livell permissibbli ta' ħoss	Reg tan-NU ² . 51	Id-Direttiva 70/157/KEE, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014
Sistemi ta' sajlensers ta' sostituzzjoni	Reg. tan-NU 59	Id-Direttiva 70/157/KEE, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014
Emissjonijiet ta' vetturi ħfief	Reg. tan-NU 83	Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007, (KE) Nru 692/2008, (UE) Nru 459/2012, (UE) 2016/427, (UE) 2016/646, (UE) 2017/1151, (UE) 2017/1154, (UE) 2018/1832
Konvertituri katalitiċi ta' sostituzzjoni	Reg. tan-NU 103	Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 692/2008

¹ Vojt fit-tielet kolonna (ir-Regolament Tekniku korrispondenti tal-UE) tfisser li r-Regolament korrispondenti huwa l-istess bħar-Regolament tan-NU fit-tieni kolonna (Rekwiżiti).

² Taqsira ta' "Regolament tan-NU", li qabel kien magħruf bħala "UNECE".

Suġġett	Rekwiżiti	Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti (jekk jeżisti) ¹
Tankijiet tal-fjuwil	Reg. tan-NU 34	
Tankijiet tal-LPG	Reg. tan-NU 67	
Tankijiet tas-CNG	Reg. tan-NU 110	
Apparat protettiv ta' wara	Reg. tan-NU 58	
Sforz għall-istering	Reg. tan-NU 79	
Lukketti u ċappetti tal-bibien	Reg. tan-NU 11	
Twissija akustika	Reg. tan-NU 28	
Tagħmir għall-viżjoni indiretta	Reg. tan-NU 46	
Ibbrejkjar ta' vetturi tqal	Reg. tan-NU 13	
Ibbrejkjar ta' vetturi ħfief	Reg. tan-NU 13H	
Firrodi tal-brejkijiet	Reg. tan-NU 90	
Interferenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika)	Reg. tan-NU 10	
Duħħan tad-diesel	Reg. tan-NU 24	Ir-Regolament (KE) Nru 692/2008
Aċċessorji ta' ġewwa	Reg. tan-NU 21	
UNECE Reg.	Reg. tan-NU 18	
Apparat kontra s-serq u immobilizzatur	Reg. tan-NU 116	
Sistemi ta' allarm tal-vetturi	Reg. tan-NU 97 Reg. tan-NU 116	
Reazzjoni tat-tagħmir tal- istering fil-każ ta' ħabta	Reg. tan-NU 12	

Suġġett	Rekwiżiti	Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti (jekk jeżisti) ¹
Saħħa tas-sit	Reg. tan-NU 17	
Saħħa tas-sits (karożżi tal-linja u kowċis)	Reg. tan-NU 80	
Projjezzjonijiet esterni	Reg. tan-NU 26	
Spidometru	Reg. tan-NU 39	
Ankraġġi taċ-ċinturin tas-sigurtà	Reg. tan-NU 14	
Installazzjoni ta' dawl u apparat ta' sinjalazzjoni bid-dawl	Reg. tan-NU 48	
Retrorifletturi	Reg. tan-NU 3	
Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien	Reg. tan-NU 7	
Fanali tas-sewqan binhar	Reg. tan-NU 87	
Fanali ta' mmarkar għall-ġenb	Reg. tan-NU 91	
Indikaturi tad-direzzjoni	Reg. tan-NU 6	
Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	Reg. tan-NU 4	
Fanali ta' quddiem (R ₂ u HS ₁)	Reg. tan-NU 1	
Fanali ta' quddiem (sealed beam)	Reg. tan-NU 5	
Fanali ta' quddiem (H ₁ , H ₂ , H ₃ , HB ₃ , HB ₄ , H ₇ , u/jew H ₈ , H ₉ , HIR ₁ , HIR ₂ u/jew H ₁₁)	Reg. tan-NU 8	
Fanali ta' quddiem (H ₄)	Reg. tan-NU 20	
Fanali ta' quddiem (halogen sealed beam)	Reg. tan-NU 31	
Lampi bil-filament għall-użu f'unitajiet ta' lampi approvati	Reg. tan-NU 37	

Suġġett	Rekwiżiti	Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti (jekk jeżisti) ¹
Fanali ta' quddiem b'sorsi ta' dawl bi skariku f'gass	Reg. tan-NU 98	
Għejjun ta' dawl tal-gass għall-użu f'unitajiet ta' lampi tal-gass approvati	Reg. tan-NU 99	
Fanali ta' quddiem (passing beam asimetricu)	Reg. tan-NU 112	
Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem	Reg. tan-NU 123	
Fanali ta' quddiem ta' kontra ċ-ċpar	Reg. tan-NU 19	
Il-fanali kontra ċ-ċpar ta' wara	Reg. tan-NU 38	
Fanali tar-rivers	Reg. tan-NU 23	
Dwal tal-ipparkjar	Reg. tan-NU 77	
Ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin	Reg. tan-NU 16	
Trażżin għat-tfal UNECE Reg.	Reg. tan-NU 44	
Kamp ta' viżta' l quddiem	Reg. tan-NU 125	
Identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u indikaturi	Reg. tan-NU 121	
Sistemi tas-sħana	Reg. tan-NU 122	
Ilqugħ għar-ras (ikkombinat mas-sits)	Reg. tan-NU 17	
Trażżin tar-ras	Reg. tan-NU 25	
Emissjonijiet ta' CO ₂ - Karrozzi tal-passiġġieri li jużaw il-fjuwil b'mhux aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq	Reg. tan-NU 101	Ir-Regolament (KE) Nru 692/2008
Qawwa tal-magna	Reg. tan-NU 85	Ir-Regolamenti (KE) Nru 692/2008 u (UE) Nru 582/2011.

Suġġett	Rekwiżiti	Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti (jekk jeżisti) ¹
Emissjonijiet ta' vetturi tqal	Reg. tan-NU 49	Ir-Regolamenti (KE) Nru 595/2009, (UE) Nru 582/2011, (UE) 2016/1718
Protezzjoni laterali	Reg. tan-NU 73	
Ħġieġ tas-sigurtà	Reg. tan-NU 43	
Tajers, vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom	Reg. tan-NU 30	
Tajers, vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom	Reg. tan-NU 54	
Roti/tajers sper għall-użu temporanju	Reg. tan-NU 64	
Ħoss rolling	Reg. tan-NU 117	
Tagħmir li jillimita l-veloċità	Reg. tan-NU 89	
Akkoppjamenti	Reg. tan-NU 55	
Tagħmir ta' gganċjar mill-qrib	Reg. tan-NU 102	
Fjammabilità	Reg. tan-NU 118	
Karozzi tal-linja u kowċis	Reg. tan-NU 107	
Saħħa tas-sovrastruttura (karozzi tal-linja u kowċis)	Reg. tan-NU 66	
Impatt frontali	Reg. tan-NU 94	
Impatt fil-ġenb	Reg. tan-NU 95	
Vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża	Reg. tan-NU 105	
Protezzjoni ta' quddiem kontra l-underrun	Reg. tan-NU 93	

Tabella 1

Lista msemmija fl-Artikolu 3(a)(ii) tal-Anness 2-C

Suġġett		Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Okkupant protezzjoni minn ħabta	Minn quddiem	Reg. tan-NU 94	KMVSS ¹ Artikolu 102 Paragrafi 1 u 3
	Mill-ġenb	Reg. tan-NU 95	KMVSS Artikolu 102 Paragrafu 1
Spostament lura tal-kontroll tal-istering		Reg. tan-NU 12	KMVSS Artikolu 89 Paragrafu 1 Punt 2
Protezzjoni minn ħabta għas-sewwieq mis-sistema ta' kontroll tal-istering		Reg. tan-NU 12	KMVSS Artikolu 89 Paragrafu 1 Punt 1
Sistemi ta' siting		Reg. tan-NU 17	KMVSS Artikolu 97
Trażżin tar-ras		Reg. tan-NU 17 Reg. tan-NU 25 GTR 7	KMVSS Artikoli 26, 99

¹ Dawk li qabel kienu magħrufa bħala “Standards tal-Korea tas-Sikurezza tal-Vetturi bil-Mutur”, li ngħataw l-isem ġdid ta’ “Regoli dwar il-Prestazzjonijiet u l-Istandards tal-Vetturi bil-Muturi u l-Parts Koreani” mill-1 ta’ Lulju 2014

Suġġett		Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Serraturi tal-bibien u komponenti li jżommu l-bibien		Reg. tan-NU 11 GTR 1	KMVSS Artikolu 104 Paragrafu 2
Impatt fuq il-panel tal-istrumenti		Reg. tan-NU 21	KMVSS Artikolu 88
Impatt fuq id-dahar tas-sit		Reg. tan-NU 21	KMVSS Artikolu 98
Impatt fuq il-puġġaman		Reg. tan-NU 21	KMVSS Artikolu 100
Impatt fuq l-ilqugħ mix-xemx		Reg. tan-NU 21	KMVSS Artikolu 101
Impatt fuq il-mera ta' ġewwa li turi fuq wara		Reg. tan-NU 46	KMVSS Artikolu 108
Tagħmir ta' rmonk		Ir-Regolament (UE) Nru 1005/2010	KMVSS Artikolu 20 Paragrafu 1
Protezzjoni tal-qiegħ fuq wara		Reg. tan-NU 58	KMVSS Artikolu 19 Paragrafu 4 u l-Artikolu 96
Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl	Installazzjoni	Reg. tan-NU 48	KMVSS Artikoli 38, 38-2, 38-3, 38-4, 38-5, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 44-2, 45, 45-2, 47 u 49
	Fanal ta' quddiem	Reg. tan-NU 1, 2, 5, 8, 20, 31, 37, Reg. tan-NU 98, 99, 112, 113, 123	KMVSS Artikolu 38, Artikolu 48 Paragrafu 3

Suġġett	Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Fanal għaċ-ċpar ta' quddiem	Reg. tan-NU 19	KMVSS Artikolu 38-2 Paragrafu 1
Fanal għal binhar	Reg. tan-NU 87	KMVSS Artikolu 38-4
Fanal għall-kantunieri	Reg. tan-NU 119	KMVSS Artikolu 38-5
Fanal ta' back-up	Reg. tan-NU 23	KMVSS Artikolu 39
Fanal tal-ikklirjar	Reg. tan-NU 7	KMVSS Artikolu 40
Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni	Reg. tan-NU 4	KMVSS Artikolu 41
Fanal ta' wara	Reg. tan-NU 7	KMVSS Artikolu 42
Fanal tal-waqfien	Reg. tan-NU 7	KMVSS Artikolu 43 Paragrafu 1
Fanal tal-waqfien immuntat fl-għoli fin-nofs	Reg. tan-NU 7	KMVSS Artikolu 43 Paragrafu 2
Sinjal tad-dawrien	Reg. tan-NU 6	KMVSS Artikolu 44
Sinjal tad-dawrien awżiljajru	Reg. tan-NU 7	KMVSS Artikolu 44
Fanal ta' mmarkar għall-ġenb	Reg. tan-NU 91	KMVSS Artikolu 44-2
Fanal taċ-ċpar ta' wara	Reg. tan-NU 38	KMVSS Artikolu 38-2 Paragrafu 2
Tagħmir ta' riflessjoni għal wara	Reg. tan-NU 70 Reg. tan-NU 3	KMVSS Artikolu 49

Suġġett		Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Viżibbiltà tas-sewwieq		Reg. tan-NU 46	KMVSS Artikolu 50, Artikolu 94
Qawwa tal-magna		Reg. tan-NU 85	KMVSS Artikolu 111
Tagħmir biex jiżgura l-viżibbiltà tas-sewwieq	Sistema li tnaddaf il-windskrin	Regolamentazzjoni (UE) Nru 1008/2010	KMVSS Artikolu 51 Paragrafu 2, Artikolu 109 Punt 1
	Sistema sabiex jiddewweb is-silġ	Ir-Regolament (UE) Nru 672/2010	KMVSS Artikolu 109 Punt 2
	Sistema li tneħħi ċ-ċpar	Ir-Regolament (UE) Nru 672/2010	KMVSS Artikolu 109 Punt 3
	Sistema li taħsel il-windskrin	Ir-Regolament (UE) Nru 1008/2010	KMVSS Artikolu 109 Punt 4
Brejk tal-vettura tal-passiġġier		Reg. tan-NU 13H	KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 1
Sistema ta' brejkijiet ħlief il-vettura tal-passiġġier u l-karru		Reg. tan-NU 13	KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 2
Sistema ta' brejkijiet tal-karru		Reg. tan-NU 13	KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 3
Sistema ta' brejkijiet anti-lock, ħlief il-karru		Reg. tan-NU 13	KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 4
Sistema ta' brejkijiet anti-lock tal-karru		Reg. tan-NU 13	KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 5

Suġġett	Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Sforz għall-istering	Reg. tan-NU 79	KMVSS Artikolu 14 Artikolu 89, Paragrafu 2
Tagħmir li jillimita l-veloċità	Reg. tan-NU 89	KMVSS Artikolu 110-2
Spidometru	Reg. tan-NU 39	KMVSS Artikolu 110
Kompatibbiltà elettromanjetika	Reg. tan-NU 10	KMVSS Artikolu 111-2
Tnixxija ta' karburant wara ħabta	Reg. tan-NU 34 Reg. tan-NU 94 Reg. tan-NU 95	KMVSS Artikolu 91
Impatt fuq il-bamper	Reg. tan-NU 42	KMVSS Artikolu 93
Ankraġġi tal-armar taċ-ċinturini ta' sigurtà	Reg. tan-NU 14 Reg. tan-NU 16	KMVSS Artikolu 27 Paragrafi 1, 2, 3, 4; Artikolu 103
Ankraġġ tas-sit tat-tfal	Reg. tan-NU 14	KMVSS Artikolu 27-2, Artikolu 103-2
Ħoss tal-horn, ħoss stazzjonarju u sajlensers għall-vetturi (4 roti)	Reg. tan-NU 28 Reg. tan-NU 51	KMVSS Artikoli 35, 53, NVCA Artikolu 30 u l- Ordinanza tal-MOE tiegħu ¹ Artikolu 29

¹ Il-Ministeru tal-Ambjent tal-Korea.

Suġġett		Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Emissjoni u ħoss (ħlief il-ħoss li jinstema' mill-qrib ta' 3 jew 4 roti) għall-muturi		Reg. tan-NU 40, Reg. tan-NU 41, Reg. tan-NU 47 Ir-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) Nru 134/2014	CACA ¹ Artikolu 46 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 62, NVCA Artikolu 30 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 29
Emissjonijiet tad-Diżil (inkluża l-OBD)	Vettura ta' inqas minn 3.5t	Reg. tan-NU 83 Reg. tan-NU 24 Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007, (KE) Nru 692/2008, (UE) Nru 459/2012	CACA Artikolu 46 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 62
	Vettura ta' aktar minn 3.5t	Reg. tan-NU 49 Ir-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) Nru 582/2011	

¹ L-Att dwar il-Konservazzjoni tal-Arja Nadifa tal-Korea.

Suġġett	Rekwiżiti	Regolamenti Tekniċi Korrispondenti Koreani
Tajers	Reg. tan-NU 30, 54, 75, 106, 117, 108, 109	L-Att dwar il-Kontroll tas- Sikurezza tat-Tagħmir tal- Elettriku u tal-Prodotti tal- Konsumatur, Artikoli 15, 18 u 19; Ir-Regoli tal-Infurzar tal-Att dwar il-Kontroll tas- Sikurezza tat-Tagħmir tal- Elettriku u tal-Prodotti tal- Konsumatur, Artikolu 3, il- paragrafu 4, Artikolu 26; KMOVSS Artikolu 12 Paragrafu 1
